MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 222/2012

**Christine Smith**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra l-ittra ta’ appell tar-rikorrenti ipprezentata fil-Bord ta’ Appelli dwar it-Trasport datata 25 ta’ Awissu 2009 miktuba mil-legali tal-istess rikorrenti, liema ittra kienet tghid is-segwenti:-

*“Ninsabu inkarigati niktbu minn Christine Smith, ta’ 3, Bonsai Apartment, Triq il-Willeg, Qawra, u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 48484(A), minn hawn ‘l isfel imsejjha*

*l-appellanti, u dan sabiex, permezz tas-segwenti sottomissjonijiet, ninterponu umli appell mid-decizjoni hawn fuq citata.*

*ILLI permezz ta' applikazzjoni maghmula mill-appellanti, hija talbet sabiex tigi applikata favur taghha l-ezenzjoni kontemplata mill-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tar-registrazzjoni tal-vettura tal-marka Peugeot 206, bix-chassis number VF32DNFUF42195211;*

*ILLI permezz ta' decizjoni datata wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2009, il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment cahad it-talba ta' l-appellanti, peress illi, skond l-istess Ministeru, id-data li giet indikata mill-appellanti bhala d-data li fiha hija stabbilit ir-residenza taghha fil-Gzejjer taghna kienet anterjuri ghad-data stabbilita mill-ligi. Kopja ta' din id-decizjoni qed tigi annessa mal-prezenti ghal kull bon fini, u mmarkata* ***DOK A;***

*ILLI l-appellanti hasset ruhu aggravata minn dina d-decizjoni, u ghalhekk qieghda tinterponi dan l-umli appell;*

*ILLI l-aggravju ta' l-appellanti huwa car u manifest, in kwantu l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment interpreta l-ligi applikabbli erronjament;*

*ILLI in succint, il-fatti rilevanti li jikkostitwixxu l-pern ta' dan l-umli appell huma s-segwenti:*

***a)*** *l-appellanti stabbilit ir-residenza taghha f'Malta matul ix-xahar ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), meta hi wkoll giet koncessa karta ta' identita' mill-awtoritajiet lokali;*
***b)*** *il-vettura in kwistjoni ngiebet Malta fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), kif jista' jigi rilevat mid-dokument hawn anness u mmarkat* ***DOK B****, u cioe' aktar minn sena wara li l-appellanti stabbilit ir-residenza taghha f'Malta;*

*ILLI d-disposizzjoni in dizamina hija l-ewwel paragrafu tat-tielet subinciz ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368, li testwalment jiddisponi hekk:*

> *(3) Ezenzjonijiet mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taht is-subparagrafi (ii) sa (vii), ukoll, mill-hlas ta' drittijiet ta' licenza ta' cirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur -*

> *(i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tingieb permanentement f'Malta mill-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta:*

> *Izda vettura bil-mutur li ddahhlet f'Malta fl-1 ta' Lulju, 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li hadet ir-residenza taghha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008, jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni*

*ILLI l-import ta' din id-disposizzjoni huwa li ghandu jkun hemm ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fejn il-vettura bil-mutur in kwistjoni tkun il-propjeta' personali ta' individwu privat, u meta dik il-vettura tingieb Malta permanentement minn dak l-individwu meta dak l-individwu jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta;*

*ILLI ghalhekk l-ezenzjoni ikkontemplata permezz ta' din id-disposizzjoni legali hija perfettament applikabbli ghall-fattispeci in dizamina. Madankollu, l-Ministeru intimat ghazel li jirrifjuta t-talba ta' l-appellanti;*

*ILLI minkejja l-kontenut xott tad-decizjoni appellata, l-appellanti ghandha tifhem illi r-rifjut tat-talba taghha sehh minhabba interpretazzjoni zbaljata tal-proviso ta' l-Artikolu 19(3)(i), citat testwalment permezz tal-paragrafi precedenti;*

*ILLI l-iskop tal-proviso in kwistjoni m'huwiex li jillimita jew b'xi mod johloq ristrezzjoni fuq l-ezenzjoni generali stabbilita permezz tat-tielet subinciz ta' din id-disposizzjoni, izda li jestendi l-effett ta' dik l-ezenzjoni anke ghall-importazzjoni ta' vetturi bil-mutur li sehhew qabel il-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-Att VI tas-sena 2009, liema Att emenda l-ligi applikabbli;*

*ILLI ghalhekk l-ezenzjoni kkontemplata inghatat ukoll effett retroattiv limitat, favur dawk il-persuni li jinkwadraw ruhhom fil-fattispeci kontemplat permezz ta' l-imsemmija disposizzjoni, anke meta dawn ikunu mpurtaw il-vettura taghhom **u** stabbilew ir-residenza taghhom f'Malta qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emendi in kwistjoni, izda mhux qabel id-dati imsemmijin fl-istess proviso;*

*ILLI l-applikazzjoni ta' dan il-proviso ma jista' qatt iwassal sabiex persuna frustiera li stabbilit ir-residenza taghha f'Malta qabel it-tlieta (3) ta' Novembru 2008, ma tkun qatt intitolata ghall-ezenzjoni mertu ta' din il-procedura. Tali persuna ma tistax tkun hekk intitolata riferibbilment fil-kaz ta' vetturi li hija mpurtat f'Malta, ghall-uzu personali taghha, qabel l-ewwel (1) ta' Lulju 2008;*

*ILLI ghalhekk l-imsemmi proviso, filwaqt li jestendi retroattivament l-ezenzjoni in kwistjoni favur dawk il-persuni li stabbilew ir-residenza taghhom f'Malta fit-tlieta (3) ta' Novembru 2008 jew wara dik id-data u li dahhlu l-vettura taghhom f'Malta fl-ewwel (1) ta' Lulju 2008 jew wara dik id-data, qieghed b'konsegwenza, a contrariu sensu, jeskludi minn din l-ezenzjoni dawk il-persuni li stabbilew ir-residenza taghhom f'Malta qabel dik id-data, riferibbilment ghal vetturi li huma dahhlu gewwa Malta qabel dik id-data. Ghalhekk, sabiex persuna tkun prekluza milli tibbenefika mill-ezenzjoni kkontemplata mill-Artikolu 19(3)(i), jehtieg li japplikaw zewg elementi, u cioe'*

> *(a) li tkun stabbilit ir-residenza taghha f'Malta qabel it-tlieta (3) ta' Novembru 2008, u*
>
> *(b) li tkun dahhlet il-vettura taghha f'Malta qabel l-ewwel (1) ta' Lulju 2008,*

*u dawn l-element iridu jkunu applikabbli **kumulattivament**;*

*ILLI l-fattispeci tal-kaz ta' l-appellanti, ghalkemm jissodisfa l-element indikat taht il-paragrafu (a), ma jissodisfax l-element indikat fil-paragrafu (b). B'konsegwenza, l-eskluzjoni mill-ezenzjoni ma tapplikax fil-konfront taghha.*

***GHALDAQSTANT** l-appellanti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jilqa' dan l-umli appell billi jhassar, jirrevoka u jikkancella id-decizjoni moghtija mill-Ministeru intimat fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2009, previa l-akkoljiment ta' l-applikazzjoni taghha, bl-ispejjez kontra l-Ministeru intimat."*

Ra r-risposta tal-Ministru intimatipprezentata fil-5 ta' Ottubru 2012 fejn eccepixxa s-segwenti:-

"

*(1) Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress illi hija ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha tal-ligi u kwindi mhix elegibbli ghall-ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni tal-vettura taghha.*

*(2) Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Ra d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Trasport esebita a fol. 12 tal-process;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) a fol. 6 sa 10 tal-process fejn l-istess Qorti annullat id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Trasport;

Ra li dan l-appell gie quddiem dan it-Tribunal wara li dahal fis-sehh l-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva u wara li l-appelli pendenti quddiem il-Bord fuq imsemmi gew ittrasferiti ghal quddiem dan it-Tribunal;

Ra l-affidavit tar-rikorrenti[1];

Sema’ x-xhieda ta’ Gilbert Agius[2] u ta’ Audrienne Callus Randich[3];

Ra d-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u mix-xhieda prodotti;

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti intavolat ittra ta’ appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport peress li hassitha aggravata li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura tal-marka Peugeot Cabriolet giet rifjutata mill-Ministeru intimat.

[1] A fol. 36 et seq. tal-process
[2] A fol. 71 et seq. tal-process
[3] A fol. 100 et seq. tal-process

Fl-affidavit taghha hija tispjega li hija bdiet tghix hawn Malta, flimkient ma' zewgha, f'Gunju 2008. Hi spjegat illi lejn nofs is-sena 2009 iddecidiet li ggib il-vettura in kwistjoni hawn Malta. Ghaldaqstant hija cemplet il-Malta Transport Authority (ADT) fejn min kellimha informaha li hija kienet eligibbli ghall-ezenzjoni.

Il-vettura in kwistjoni waslet Malta fit-2 ta' Gunju 2009 u r-rikorrenti applikat ghall-ezenzjoni fejn sussegwentement giet infurmata li l-applikazzjoni taghha giet rifjutata stante li gie stabbilit li hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta qabel Novembru 2008.

Hija tistqarr li qieghdha tikkontesta din id-decizjoni ghaliex meta hija nghatat il-*guidelines* da parti tal-ufficjali tal-ADT imkien ma kien hemm imnizzel li l-ezenzjoni kienet tapplika ghal persuni li hadu r-residenza taghhom gewwa Malta wara Novembru 2008 u li kieku nghatat din l-informazzjoni ma kinitx iggib l-istess vettura hawn Malta peress li hija suggetta ghal taxxa ta' registrazzjoni ta' iktar minn €2000.

Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar il-fatt jekk ir-rikorrenti inghatatx xi tip ta' misinformazzjoni da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta dwar l-eligibilita` taghha jew le ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni u jekk dan jistghax ikollu xi effett fuq id-decizjoni impunjata.

Illi bhala fatti gie stabbilit is-segwenti, cioe:-

Ir-rikorrent bdiet tghix hawn Malta f'Gunju 2008,

Fit-2 ta' Gunju 2009 gabet il-vettura taghha hawn Malta,

Fit-30 ta' Gunju 2009 ir-rikorrenti applikat ghall-ezenzjoni tat-taxxa ta' regitrazzjoni,

Fit-28 ta' Lulju 2009 l-applikazzjoni giet rifjutata abbazi tal-fatt li r-rikorrenti kienet toqghod Malta qabel id-data indikata f'artikolu 19 (3) (i) kif kien vigenti fiz-zmien in ezami, u cioe d-data tat-3 ta' Novembru 2008.

Illi fis-sottomissjonijiet taghha ir-rikorrenti tishaq illi l-kriterji taz-zmien minn meta persuna kienet elegibbli ghall-ezenzjoni huwa kriterju alternattiv ghal dak li kien jesigi Regolament 4 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif vigenti fl-2009. Fir-rikors promutur tishaq ukoll *"l-iskop tal-proviso in kwistjoni mhuwiex li jillimita jew b'xi mod johloq restrizzjoni fuq l-ezenzjoni generali stabbilita permezz tat-tielet subinciz ta' din id-disposizzjoni, izda li testendi l-effett ta' dik l-ezenzjoni anke ghall-importazzjoni ta' vettura bil-mutur li sehhew qabel il-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-Att VI tas-sena 2009... Illi ghalhekk l-ezenzjoni kkontemplata inghatat ukoll effett retroattiv limitat..."*

Illi Regolament 4 (1) kien jghid is-segwenti:

*" L-eżenzjoni taħt is-subartikolu (3) (i) tal-artikolu 19 tal-Att tingħata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà personali ta' individu privat u tkun qed tiġi impurtata jew tkun qed tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta:*

*Iżda –*

*(a) dik il-persuna trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza tagħha lejn Malta;*

*(b) il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess tagħha u tkun ilha tużaha barra minn Malta għal tal-anqas erbgħa u għoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tiegħu barra minn Malta;*

*(ċ) tkun reġistrata f'isimha jew f'isem waħda jew wieħed mill-konjugi fejn dan ikun japplika;*

*(d) dik il-persuna jkollha liċenza tas-sewqan valida;*

*(e) il-vettura tkun trid tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta fi żmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jitrasferixxi r-residenza tiegħu..."*

Filwaqt li artikolu 19 tal-Kapitolu 368 fiz-zmien meta r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni taghha kien jghid hekk:-

*"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17A, ma għandha titħallas ebda taxxa ta' reġistrazzjoni bis-saħħa ta' dan l-Att fuq vettura bil-mutur li tiġi importata jew miġjuba Malta bil-għan li tigi esportata bħala merkanzija mingħajr ma tiġi użata f'Malta u li tiġi rilaxxata mid-dwana għal dan il-għan, kemm-il darba dik l-esportazzjoni ssir direttament minn maħżen ta' depost, sakemm dik il-vettura ma terġax tiġi importata f'Malta.*

*(2) (a) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni u bla ħsara għal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jeżenta kull persuna mill-ħlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taħt dan l-Att.*

*(b) Eżenzjoni bħal din tista' tingħata b'effett retrospettiv.*

*(ċ) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jirrevoka kull ordni li jsir taħt dan l-artikolu.*

*(3) Eżenzjonijiet mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taħt is-subparagrafi (ii) sa (vii) hawn aktar 'l isfel, ukoll, mill-ħlas ta' drittijiet ta' liċenza ta' ċirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur –*

*(i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tinġieb permanentement f'Malta mill-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta:*

***Iżda vettura bil-mutur li ddaħħlet f'Malta fl-1 ta' Lulju, 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li ħadet ir-residenza tagħha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008, jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni..."***

Illi r-rikorrenti qieghdha tishaq illi r-Regolament 4 u l-Artikolu 19 jistghu jimxu indipendentement minn xulxin u li wiehed huwa alternattiv ghall-iehor. Kwindi jekk ir-rikorrenti issodisfat il-kriterji tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 hija kellha tkun meqjusa bhala eligibbli ghall-ezenzjoni.

Illi l-Ministeru intimat da parti tieghu ma jaqbel ma' xejn minn dan kollu u jsostni illi ladarba r-rikorrenti hadet ir-residenza taghha hawn Malta qabel it-3 ta' Novembru 2008 hija ma kinitx tikkwalifika li tapplika ghall-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi jirrizulta car illi l-intenzjoni tal-legislatur meta saret din il-ligi dwar l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni kienet li jkun hemm *cut-off date*. Dan johrog ukoll mid-dibattiti parlamentari dwar l-istess ligi. In fatti fis-seduta parlamentari tat-28 ta' April 2009 il-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien wiegeb hekk ghal mistoqsija parlamentari li tpoggietlu fuq is-suggett: "*Ngharraf lill-Onor. Interpellant illi taht l-Abbozz ta' trasferiment ta' residenza, jekk il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta fit-3 ta' Novembru, 2008 jew wara dik id-data u l-vettura trid tkun ingiebet hawn Malta mill-1 ta' Lulju 2008 'l hawn.*"

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma huwiex tal-fehma illi Regolament 4 u Artikolu 19 huma alternattivi ghal xulxin jew li l-legislatur kellu l-intenzjoni li japplika l-ezenzjoni ghal vetturi u persuni li ma jissodisfawx il-proviso tal-artikolu 19 (3) (i). Biex wiehed ikun eligibbli ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ried jissodisfa kemm il-kriterji tal-Att principali u kemm il-kriterji tal-Legislazzjoni Sussidjarja. Illi kwalunkwe interpretazzjoni ohra tmur kontra l-ispirtu tal-istess ligi.

Illi in linea sussidjarja ghas-sottomissjoni maghmula mir-rikorrenti iktar 'il fuq, hija tishaq li giet zgwidata mill-ufficjali tal-ADT meta dawn ma infurmawhiex li stante li hija kienet ilha tirrisjedi hawn Malta minn Gunju 2008 hija ma kinitx eligibbli. Hija pproduciet ukoll kopja tal-*Guidelines on Vehicle Registration Tax Exemption on Transfer of Residence* mghoddija lilha mill-ADT minn fejn ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi *cut-off* date minn meta persuna trid tkun tirrisjedi hawn Malta.

Illi f'dawn l-imsemmija *Guidelines* li jinsabu esebiti bhala Dok CSA a fol. 40 et seq. tal-process jirrizulta li hemm il-kriterja kollha elenkati f'Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Madankollu fihom ma jissemma xejn dwar il-*cut off date* imsemmija f'artikolu 19 tal-Kapitolu 368.

Illi ghalkemm dan it-Tribunal ihoss li dan kien nuqqas, l-istess Tribunal ma jistghax imur kontra dak li tiddetta l-ligi u la darba r-rikorrenti ma ssodisfatx il-kriterji kollha li abbazi taghhom tista' tibbenifika mill-ezenzjoni, il-Ministeru intimat kien korrett fid-decizjoni tieghu. Dan kollu naturalment qieghed jigi deciz bla pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li r-rikorrenti jista' jkollha taht il-ligi ordinarja.

In oltre, t-Tribunal josserva illi fil-*Guidelines* mghoddija lir-rikorrenti kien hemm imnizzel car illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni riedet tigi sottomess fi zmien **sebat ijiem** minn meta l-vettura tasal Malta[4]. Mill-affidavit tar-rikorrenti jirrizulta li l-vettura in kwisjtoni waslet f'Malta fit-2 ta' Gunju 2009[5]. Illi ghalhekk anke minn dan l-aspett l-eligibilita` taghha ghall-ezenzjoni tippekka in kwantu l-istess applikazzjoni riedet issir fi zmien sebat ijiem mentri fil-fatt l-applikazzjoni de quo giet sottomessa diversi jiem wara l-wasla tal-istess vettura u cioe fit-30 ta' Gunju 2009 kif jirrizulta kemm mill-istess applikazzjoni a fol. 105 u kif ukoll mill-ittra a fol. 107 tal-process.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma kien hemm xejn irregolari fid-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 31 ta' Lulju 2009 u ghalhekk qieghdha tigi konfermata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq premessi, qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti u jikkonferma d-decizjoni tal-Ministeru intimat tal-31 ta' Lulju 2009.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[4] U dan in linea mal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif kienet regolata dak iz-zmien permezz tal-Avviz Legali 196 tal-2009

[5] A fol. 37 tal-process ghalkemm fl-applikazzjoni l-istess rikorrenti nizzlet id-data tas-6 ta' Gunju 2009 bhala d-data meta l-vettura waslet hawn Malta (ara fol. 105)

---------------------------------TMIEM---------------------------------